KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 41 — IS-SITT KUNSILL**

Il-wieħed u erbgħin (41) seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-**Erbgħa 13 ta` Lulju, 2011** fis-6.28 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono u Nicolai Gauci.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri, Nikki Dimech, Julian Galea u Patrick Pace avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Is-Sindku ppresediet.

41.a. Is-Sindku ppropeniet li l-Kunsill jiddiskuti issa item numru 5 cioe` Skeda ta' Pagamenti.

41.b. Il-Kunsillier Debono u l-Kunsillier Cali li s-Seduta tal-Kunsill ghandha tibda bl-approvazzjoni tal-minuti.

41.c. Is-Sindku qalet li qed tipproponi li jithallew il-minuti ghall-ahhar minhabba li l-Kunsill ghandu hafna xoghol pendenti fost dawn anke aggudikazzjoni tal-offerta tal-PPP u kwotazzjonijiet ohra li l-Kunsill ilu li rcieva minn April izda li la ghadhom infethu l-envelopes, ghaliex meta ghalqet is-sejha tal-kwotazzjonijiet ma kienx hemm Kunsilliera biex dawn jinfethu, u lanqas ghadhom gew aggudikati.

41.d. Wara li ma kienx hemm qbil is-Seduta kompliet fl-ordni kif imsejjha.

### 41.1. Approvazzjoni tal-minuti

41.1.1 Minuti tas-Seduta 37 tal-11 ta' Mejju 2011.

41.1.1.1 Is-Sindku resqet għal kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 37.

41.1.1.2 Is-Sindku stqasiet jekk kienx hemm xi emendi li riedu jagħmlu l-Kunsilliera għal dan is-sett ta' minuti.

41.1.1.3 Il-Viċi Sindku qal li dawn il-minuti ma għandhomx jiġu approvati qabel il-Kunsilliera Camilleri u Pace jisimgħu r-*recording* tal-laqgħa kif talbu fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillier M. Aquilina qablet mal-Viċi Sindku.

41.1.1.4 Il-Kunsillier M. Debono qal li dan is-sett ta' minuti għandu jinżamm 'on hold' sakemm il-Kunsilliera jisimgħu dan ir-*recording*.

41.1.1.5 Is-Sindku qrat korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar l-użu tar-*recording* għall-iskop uniku tal-abbozzar tal-minuti hekk kif inhu elenkat fl-Ordnijiet Permanenti (Dok 'A' mehmuż).

41.1.1.6 Il-Kunsilliera Y. Cali, M. Debono u N. Gauci ~~ma qablux ma dan għax qalu li l-Kunsill jabbozza l-minuti.~~

41.1.1.7 Wara li ma kienx hemm qbil dwar l-interpretazzjoni tal-ittra tad-Dipartiment, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li se tingieb kjarifika.

41.1.1.8 Il-Kunsillier N. Gauci għamel din l-istqarrija: "jiena se nitlaq il-barra mil-laqgħa tal-Kunsill bi protesta għal-liema raġuni li hija t-tieni darba fejn il-Kunsilliera qed jiġu mċaħħda milli jisimgħu il-*voice recorder* tal-laqgħa mitluba, li għadha mhux approvata, fil-laqgħa tal-approvazzjoni tal-minuti." Il-Kunsillier N. Gauci staqsa jekk hux se jinstema issa r-recording jew le. Il-Kunsillier N. Gauci kompla jgħid li minħabba din iċ-ċirkostanza fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill mhux jopera u li jekk dawn is-sitwazzjonijiet mhux se jirrisolvu lest li jirriżenja b'mod permanenti.

41.1.1.9 Il-Kunsillier N. Gauci ħareġ mis-seduta fis-6.39 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi u l-Kunsillier M. Debono kienu se jappoġġjaw il-Kunsillier Gauci u ħargu mil-laqgħa. Il-Kunsillier Y. Cali ħareġ ukoll mis-seduta u warajh ħareġ il-Viċi Sindku.

41.1.1.10 Is-seduta ntemmet fis-6.40 ta' filgħaxija peress li ma kienx hemm il-kworum meħtieġ biex titkompla s-Seduta.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum .................. .............. ta' .................. 2011.
(jum) (data) (xahar)